# Iż-żewġ Kokki

*(Ħrafa)*

Is Sultan Maħmud tal-Persja kien, tista' tgħid, igħaddi ħajtu dejjem fit-taqbid ma' ġnus oħra, u għalhekk ftit jew xejn jieħu ħsieb ta' min kien taħt it-treġija tiegħu: għalhekk il-Persja saret, f'qasir żmien, ħerba waħda u nofsha tbattlet min-nies, xebgħana mill-moħqrija tiegħu. Miegħu kellu ministru, la taf ċajtier u l-anqas ħajjen ħafna, li kien igħid li wieħed saħħar kien għallmu jifhem il-lsien ta' l-agħsafar u għalhekk malli xi għasfur kien jiftaħ ħalqu jgħanni jew ipespes dak l-imbierek ta' ministru kien igħid li fehem kull kelma li jkun qal.

Darba waħda, kif kien qiegħed idallam, is-sultan u l-ministru kienu ġejjin lura mill-kaċċa u xħin waslu ħdejn siġra lemħu żewġ kokki jiċċaċċraw flimkien. — "Għandi xewqa kbira nkun naf—qallu s-sultan—xinhuma jgħidu bejniethom dawk il-kokki: iftaħ widnejk sewwa u tennili kliemhom."

Il-Ministru resaq kemm sata' lejn is-siġra u għamel ta' bir-ruħu li qiegħed jissamma' x'qegħdin jgħidu—Wara ftit raġa' lura ħdejn is-Sultan u qallu: "Biex ingħidlek is-sewwa jien ma smajtx ħlief biċċa biss mit-taħdita tagħhom, iżda ma għandix ħila ntennilek dak li qalu."

Is-Sultan wiegħbu li ried jaf, kelma b'kelma, kull ma qalu l-kokki.

"La darba int, ja Sidi, trid taf x'qalu sewwa, ismagħni. Għandek tkun taf, immela, illi waħda mill-kokki għandha iben u l-oħra għandha bint u qegħdin jiftiehmu bejniethom biex jaraw iżewġuhomx. Omm it-tifel qalet lill-kokka l-oħra —skond ma fhimt jien: Bil-qalb kollha nħalli 'l ibni jieħu b'martu lil bintek, kemm-il-darba, iżda, inti ittiha bħala dota ħamsin raħal imġarraf.

"Fis qabżet l-kokka l-oħra u wegħbitu: Mhux ħamsin intiha iżda ħames mija, jekk int jogħġbok. Il-Mulej jagħti s-saħħa s-Sultan Maħmud għax sa kemm huwa jibqa' jsaltan aħna qatt ma jonqsuna rħula mħarbta."

Is-sultan malajr tegħmu dak il-kliem u l-ħrafa tgħid li minn dak il-jum heda mit-taqbid, raġa' talla' mill-ġdid ir-rħula li kien ġarraf u beda jaħseb għall-ġid ta' dawk li fuqhom kien jakem.

MIC-DEK.

# Lill-Ħabib tiegħi Pi...Di...

*(Mill-ktieb tat-tifkiriet)*

Mingħajr ma nbixtek qatt għamilt għalija
U bil-pinna niggist bla ħajr, bla ħniena:
inżilt għal kliem li jħammar bil-mistħija
ma ngħidx wiċċ it-tajbin, 'ma wiċċ il-ħżiena.

Infart, għaliex flok kelma barranija
ħarġitli kelma tagħna,—u ma kontx jiena
li ħlaqt il-kelma,—jekk dik kienet ħtija
kienet ħtija qadima u għamlet żmienha.

Jien naf min int: mill-ħsieb maħtuf, mill-kliem
qabbieżi, tixref, qisha minn ritratt
xbiħitek, darba hienja, il-lum bla sliem.

Iżda xejn tibża': jekk int ismi rfistu,
jiena naħfirlek hawn quddiem kulħadd
kif għandu jagħmel Saċerdot ta' KRISTU.

DUN KARM

# Il-Għanja tal-Lsien Malti

*(Mill-ktieb tat-tifkiriet)*

X'jimpurtani 'kkhux feniċju,
jekk hux għarbi jew latin,
jekk hux aħrax, jekk hux ħelu,
dan il-lsien tagħna l-Maltin.

Hu xin hu, dan Alla tana—
il-muftieħ tal-qalb u l-ħsieb,—
bih nitolbu Ħajr is-Sema,
bih nitkellmu ma' l-iħbieb.

Tgħallimnieh fuq sider omnna,
kiber magħna fl-ewwel snin,
sfiq intiseġ ma' ġrajjietna
fl-isbaħ ħolma tal-għoxrin: